**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 611/2024 AL

A B

Vs

C D

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-partijiet tal-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-kontendenti partijiet żżewġu f'Malta, fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elf, disgha mija, sebgha u disghin, (1997), fil-Knisja Hal Qormi u dan kif ser jirrizulta minn certifikat taz-zwieg li r-rikorrenti ser tezebixxi permezz ta' Nota;

2. Illi ssusegwentement, I-partijiet infirdu legalment minn xulxin, u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja, fl-atti tan-Nutar Dott. Reuben Debono, datat d-disgha (9) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kopja fotostatika ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkat bhala Dok 'A';

3. Illi ghalhekk l-partijiet ilhom snin twal legalment separati minn xulxin, u jirrsjedu b'mod separat u ghalhekk ma tezisti l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom;

4. Illi bejn l-partijiet ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment u dan peress illi filwaqt illi ir-rikorrenti iddekadiet ghad-dritt taghha ta' manteniment minghand zewggha, r-ragel irrinunzja ghal tali dritt minghandha, filwaqt li uliedhom X u Y ahwa D huma t-tnejn magorenni u ma komplewx jistudjaw;

5. Illi ghalhekk jikkonkoru il-kriterji u l-elementi kollha rikjesti mill-liġi ghal-hall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. TIDDIKJARA li ż-żwieġ bejn il-partijiet, celebrat f'Malta nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, tas-sena elf disgha mija, seba u disghin (1997), hu mahlul u li l- partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-liġi;

ii. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss lili minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet biex, sabiex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi:

Illi preliminarjament u fl-ewwel lok jigi rilevat illi certu dokumenti annessi mal-kawza odjerna m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu sfilzati sabiex ma jibqghux jagħmlu parti mill-inkartament ta' din il-kawza;

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Novembru 1997, minn liema zwieg twieldu zewg ulied, ossia Lydon D u X D, u isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Ruben Debono datat id-9 ta' Gunju 2010;

3. Illi l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erbatax il-sena isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;

4. Illi effettivament l-esponenti jaqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

5. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Gunju 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħhda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.